Terġa tiftaħ l-Undergraduate Scholarship Scheme

# 169 student ibbnefikaw minn din l-iskema is-sena li għaddiet

Għat-tieni sena konsekuttiva l-Gvern qed iniedi Skema ta' Boroż ta' Studju (Undergraduate Scholarship Scheme) għal dawk li jixtiequ jagħmlu l-ewwel degree tagħhom f'xi istituzzjoni ta' edukazzjoni terzjarja rikonoxxuta, kemm barra minn Malta kif ukoll f'Malta.

Is-sena li għaddiet kien hemm 169 student/a li bbenefikaw minn din l-iskema bil-parti l-kbira tagħhom isegwu korsijiet barra minn Malta. Minn dawn kien hemm 23 li temmew l-istudju tagħhom b'suċċess u kisbu d-degree li kienu qed jaspiraw għalih.

Bħal kull skema oħra ta' Boroż ta' Studju din l-iskema hi waħda kompetittiva u l-Boroż ta' Studju jingħataw skont il-mertu tal-istudenti li japplikaw sakemm ikun għad fadal fondi li huma vvutati għal dan l-iskop.

Din is-sena, l-applikazzjonijiet qed jitwessgħu ftit iżjed billi tneħħa l-limitu ta' eta' li applikant irid ikollu biex jibbenefika minn din l-iskema. Barra minn dan, studenti li diġa' bdew il-kors ukoll jistgħu japplikaw għal dawn il-Boroż ta' Studju.

Studenti li jingħażlu u jingħataw Borża ta' Studju taħt din l-iskema jieħdu benefiċċju skont it-tip ta' kors li jkunu se jsegwu.

Studenti magħżula li jmorru jistudjaw barra minn Malta jew f'istituzzjoni terzjarja f'Malta u jagħmlu kors f'suġġett marbut strettament mat-Teknoloġija tal-Informatika jew kors f'xi xjenza, jingħataw għotja ta' €2863 fl-ewwel sena tal-kors u €2165 għal kull sena oħra tal-kors sakemm jiggradwaw.

Studenti li jagħmlu korsijiet f'suġġetti oħra, jingħataw €1768 fl-ewwel sena tal-kors u €1303 f'kull sena ta' wara sakemm jigradwaw.

Jekk student jirrepeti xi sena, ikun xi jkun il-kors li jkun qed jagħmel, matul is-sena li jkun qed jirrepeti jitnaqqaslu l-benefiċċju għal dik is-sena partikolari.

Is-sena li għaddiet, il-Ministeru tal-Edukazzjoni ħallas is-somma totali ta' €367,037 f'din l-iskema biss.

Ta' min ifakkar li barra mill-iskema tal-Undergraduate, il-Gvern joffri wkoll skema oħra għal min irid ikompli jistudja wara li jakkwista l-ewwel degree u jfittex li jagħmel Masters jew Dottorat.

Hemm ukoll l-iskema ta' Boroż ta' Studju magħrufa bħala STEPS li wkoll hi maħsuba għal dawk li jixtiequ jagħmlu Masters jew Dottorat, liema skema hi ko-finanzjata minn Fondi tal-Unjoni Ewropea.

Fl-iskema tal-MGSS Post Graduate fl-2006 13-il-persuna ngħataw għajnuna biex jagħmlu Dottorat u 20 biex jagħmlu Masters; fl-2007 kien hem 13 li ngħataw Borża ta' Studju għal Dottorat u 33 għal Masters; is-sena li għaddiet 13 ngħataw għajnuna għal Dottorat u 25 għal Masters.
Din is-sena applikaw 58 għal Dottorat u 67 għal Masters. Dawn l-applikazzjonijiet qed ikunu proċessati.

Is-sena li għaddiet fl-iskema STEPS kien hemm 16-il persuna li marru jagħmlu Dottorat u 45 oħra li marru jagħmlu Masters li bejniethom ngħataw is-somma ta' €1,075,900.

Din is-sena, taħt l-iskema STEPS l-ewwel sejħa għalqet fis-6 ta' Marzu li għadda. Din l-iskema għandha erba' oqsma ta' prijorita.

L-ewwel qasam hu dak li jkun hemm aktar impjegati kwalifikati fis-sistema edukattiv tal-pajjiz. F'dan il-qasam, żewġ persuni ngħataw €91,000 biex jagħmlu Dottorat u 12 oħra ngħataw €83,000 biex jagħmlu Masters.

Qasam ieħor ta' prijorita fl-iskema STEPS hu dak fejn hemm persuni li ma għandhomx il-ħiliet meħtieġa fil-qasam tax-xogħol tagħhom. Biex jinkisbu dawn il-ħiliet u jimtela' dan il-vojt, tmien persuna ħadu bejniethom €320,300 biex jagħmlu Dottorat filwaqt li 20 oħra ngħataw total ta' €177,200 biex jagħmlu Masters.

Fil-qasam tar-Riċerka Innovattiva fix-Xjenza u t-Teknoloġija, sitt persuni li bdew jagħmlu Dottorat ingħataw bejniethom is-somma €265,200 filwaqt li 6 persuni oħra ngħataw għajnuna ta' €74,000 biex jagħmlu Masters.

Ir-raba' qasam ta' prijorita fl-iskema STEPS hu dak tat-Teknoloġija tal-Informazzjoni u Komunikazzjoni (ICT). Hawnhekk, seba' applikanti li marru jagħmlu Masters ingħataw bejniethom għajnuna fl-ammont ta' €74,400.

It-tieni sejħa taħt l-iskema STEPS għalqet fil-15 ta' Ġunju li għadda li għaliha kien hemm 215 applikazzjoni eliġibbli. Dawn l-applikazzjonijiet qed ikunu proċessati u għalihom hemm ivvutati €2,490,000.

Dettalji dwar l-iskemi kollha ta' Boroż ta' Studju offruti mill-Gvern jistgħu jinkisbu minn fuq is-sit elettroniku www.education.gov.mt billi wieħed ifittex taħt Scholarships.